MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 309/2009

**Mario Aquilina**

***kontra***

**Carmen Demicoli, Roger Friggieri u l-Awtorita` tad-Djar ghal kull interess li jista` jkollha**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-26 ta` Marzu 2009 li jaqra hekk–

*1. Illi r-rikorrent huwa l-proprjetarju tal-Flat 3, Blk. A5, Triq il-Frejqatina, Qawra, liema appartament huwa akkwista permezz ta` kuntratt in atti Dr. Nicholas Vella tas-26 ta` April 2004 minghand l-Awtorita` tad-Djar liema flat inbiegh bil-komunjoni mal-flats l-ohra tal-partijiet komuni ta` blokk flats.*

*2. Illi l-intimati Carmen Demicoli u Roger Friggieri huma l-proprjetarji ta` appartamenti ohrajn fl-imsemmi blokk.*

*3. Illi l-kontendenti huma marbutin ma` kundizzjonijiet imposti mill-Awtorita` tad-Djar fosthom li* ***"Iz-zamma ta` tjur, fniek jew annimali ohra fosthom annimali domestici fuq il-bejt jew fil-partijiet komuni jew gewwa l-appartament hija projbita"*** *kif ukoll* ***"jekk xi inkwilin jonqos li josserva l-imsemmija obbligi jkun obbligat ihallas penali ta` ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha jew parti minn gimgha li tghaddi sakemm jottempera ruhu mal-imsemmija obbligi"*** *li huma kundizzjonijiet generali stipulati f`kull kuntratt ta` akkwist tal-fondi tal-appartamenti fl-istess blokk fil-kuntratti relattivi ta` bejgh.*

*4. Illi l-intimati Carmen Demicoli u Roger Friggieri qed jinjoraw bl-aktar mod flagranti dawn il-kundizzjonijiet b`mod u manjiera li r-rikorrent ma jistax igawdi l-proprjeta` tieghu fil-kwiet u fis-serenita` minhabba storbju u hmieg ta` annimali mizmumin mill-intimati fl-appartamenti taghhom kif ukoll jigru fil-partijiet komuni tal-istess blokk.*

*5. Illi permezz ta` ittra ufficjali tas-16 ta` Frar 2007 l-Awtorita` tad-Djar giet interpellata sabiex tinforza l-kundizzjonijiet precitati izda baqghet inadempjenti u l-ksur tal-kundizzjonijiet ghadhom ghaddejjin sal-lum.*

*6. Illi ghalhekk ir-rikorrent ghandu d-dritt li jesigi li l-intimat l-Awtorita` tad-Djar jenforza l-klawsoli ezistenti fil-kundizzjonijiet generali tal-kuntratti relattivi ta` bejgh tal-imsemmija appartamenti u cioe` li* ***"Iz-zamma ta` tjur, fniek jew annimali ohra fosthom annimali domestici fuq il-bejt jew fil-partijiet komuni jew gewwa l-appartament hija projbita"*** *kif ukoll* ***"jekk xi inkwilin jonqos li josserva l-imsemmija obbligi jkun obbligat ihallas penali ta` ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha jew parti minn gimgha li tghaddi sakemm jottempera ruhu mal-imsemmija obbligi"*** *skond il-ligi u b`mod partikolari a bazi tal-artikolu 1143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta (actio debitor debitoris mei) stante li l-intimati Carmen Demicoli u Roger Friggieri huma debituri ta` obbligazzjoni versu l-intimat Awtorita` tad-Djar filwaqt li r-rikorrent huwa kreditur tal-intimat Awtorita` tad-Djar tal-istess obbligazzjoni.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi jghidu l-intimati 'il ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara li l-intimati Carmen Demicoli u Roger Friggieri huma obbligati jharsu l-kundizzjonijiet kollha mposti mill-Awtorita` tad-Djar senjatament dawk riferibbli ghall-projbizzjoni taz-zamma tal-annimali domestici fuq il-bejt u fil-partijiet komuni jew gewwa l-appartamenti taghhom ;*

*2. Tiddikjara wkoll li l-intimati Carmen Demicoli u Roger Friggieri qeghdin jiksru l-kundizzjonijiet precitati ;*

*3. Tiddikjara wkoll li l-intimati Carmen Demicoli u Roger Friggieri huma debituri versu l-intimat Awtorita` tad-Djar tal-obbligazzjonijiet precitati filwaqt li ghall-istess obbligazzjonijiet l-intimat l-Awtorita` tad-Djar huwa debitur tar-rikorrent ;*

*4. Tordna lill-intimat Awtorita` tad-Djar jinforza l-klawsoli ezistenti fil-kundizzjonijiet generali tal-kuntratti relattivi ta` bejgh tal-imsemmija appartamenti u cioe` li "***Iz-zamma ta` tjur, fniek jew annimali ohra fosthom annimali domestici fuq il-bejt jew fil-partijiet komuni jew gewwa l-appartament hija projbita***" kif ukoll li "***jekk xi nkwilin jonqos li josserva l-imsemmija obbligi jkun obbligat ihallas penali ta` ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha jew parti minn gimgha li tghaddi sakemm jottempera ruhu mal-imsemmija obbligi***" kontra l-intimati Carmen Demicoli u Roger Friggieri u dan a tenur tal-artikolu 1143 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta (actio debitor debitoris mei).*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Roger Friggieri prezentata fit-<u>22 ta` Mejju 2009</u> li taqra hekk –

*1. Illi l-azzjoni attrici, in kwantu espressament esperita bhala actio debitor debitoris mei ai termini tal-artikolu 1143 tal-Kodici Civili, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur ma hux kreditur tal-konvenuta Awtorita` tad-Djar u ghalhekk m`ghandu l-ebda interess guridiku jistitwixxi l-actio debitor debitoris mei. Il-fatt li l-attur harrek lill-konvenuta Awtorita` tad-Djar espressament "ghal kull interess li jista` jkollha" hija konferma tal-fatt li l-attur ma hux kreditur taghha.*

*2. Bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li skond il-gurisprudenza nostrana, ma hux konsentit li kreditur jesperixxi l-azzjoni gudizzjarja kontra l-allegat debitur*

*tieghu, jekk qabel ma jippruvax li l-qaghda finanzjarja tad-debitur tieghu hi tali li jekk ma jistitwixxix il-proceduri hu, il-possibilta` li jigbor flusu minghand id-debitur tieghu tista` tigi pregudikata serjament. Certament li l-allegata debitrici tal-attur, l-Awtorita` tad-Djar, ma hijiex f`qaghda finanzjarja tali li jiskatta fl-attur l-interess guridiku li jintavola l-actio debitor debitoris mei.*

*3. Bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu li l-esponent huwa debitur tal-konvenuta Awtorita` tad-Djar.*

*4. Illi fil-mertu, huwa minnu li l-esponent huwa proprjetarju ta` appartament fi Blokk A5, Triq il-Frejgatina, Qawra, u li fih.*

*5. Illi mhux minnu li l-esponent ihalli annimali jigru fil-partijiet komuni tal-blokk ta` flats.*

*6. Illi mhux minnu lanqas li l-esponent qed johloq storbju u hmieg tal-annimali.*

*7. Illi l-esponent jiddikjara li jaf personalment bil-fatti premessi.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut Roger Friggieri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Awtorita` tad-Djar prezentata fit-22 ta` Mejju 2009 li taqra hekk –

*1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-Awtorita` tad-Djar huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi li dak li hemm fil-kuntratti bejn l-Awtorita` u l-konvenuti l-ohra huwa estranju ghall-attur u l-attur ma ghandux dritt li jinforza jew jitlob l-infurzar ta` obbligi meta ma huwiex parti fil-kuntratt. – "Res inter alios acta".*

*3. Illi l-Awtorita` tad-Djar mhijiex debitur tal-attur u ma kisret ebda obbligu fil-konfront tal-attur. Il-klawsola ndikata mill-attur timponi obbligu fuq l-attur izda mhux dritt favurih kontra terzi jew kontra l-Awtorita`. Ghalhekk l-Art 1143 tal-Kap 16 ma japplikax. Intant ukoll l-azzjoni li jrid jiehu kontra t-terzi hi wahda personali li dwarha l-Awtorita` tista` taghzel li ma tihux.*

*4. Illi l-Awtorita` konvenuta ghandha dritt li taghzel hi kif u meta tista` tesigi li jitwettqu l-obbligi kontrattwali maghmula ma` klijenti favuriha – u terzi ma jistghux jindahlu f`dik l-ghazla. U dan anke ghaliex dik l-ghazla tiddependi minn policies tal-istess Awtorita`. Dan l-Awtorita` taghmlu skond il-volum ta` xoghol li jkollha, skond il-prijorita ta` xoghol li jkollha skond il-mezzi li jkollha ghad-disposizzjoni taghha.*

*5. Illi l-Awtorita` la kellha rizorsi u lanqas hin li tfittex biex tharrek klijenti taghha dwar zamma ta` annimali. L-obbligu dwar iz-zamma ta` annimali jitqieghed fil-kuntratt biex tiddiswadi minn din il-prattika u ghax tafda fil-buon sens tal-persuni li jikkwalifikaw sabiex jibbenefikaw mill-iskemi li toffri. L-Awtorita` pero` ma ghandhiex obbligu li tigri u tghasses wara kull beneficjarju sabiex tinvestiga dwar zamma ta` annimali.*

*6. Illi intant l-Awtorita` tad-Djar wara l-lanjanzi tal-attur agixxiet. Tant hu hekk illi baghtet ittri ndikati bhala Dok A, B, C u D.*

*7. Illi intant qed jigu annessi dokumenti li juru l-attitudni xejn ortodossa li uza l-attur fil-konfront tal-Awtorita` tad-Djar. Din l-attitudni ma tghinx sabiex vertenzi jigu risolti barra mill-Qorti. Dok G, H u I.*

*8. Illi l-Awtorita` ma tistax tibghat spetturi u ma ghandhiex spetturi nkarigati biex ifittxu jekk persuna tkunx qed izzomm annimali fil-fond taghha. Hemm prijoritajiet ohra dwar kif ghandhom jintefqu r-rizorsi tal-Awtorita`.*

*9. Illi meta l-Awtorita`, biex tipprova tghin lill-attur u sforz l-insistenza tieghu, ippruvat tistharreg, ma kellhiex provi bizzejjed dwar zamma ta` annimali fil-fond tal-konvenuti l-ohra u ghalhekk ma hassitx li kellha tibda passi. Inoltre l-Awtorita` dejjem taghmel sforz sabiex tevita rikors ghal Qrati, specjalment ma` klijenti taghha. L-Awtorita` kienet sahansitra talbet lill-attur jekk kienx lest li jitla` jixhed – pero` ghal dan il-kwezit l-attur ma wegibx. Ara Dok C.*

*10. Illi ghalhekk ghalkemm l-Awtorita` toqghod ghal dak li tiddeciedi din l-Onorabbli Qorti, zgur li l-Awtorita` ma ghandhiex tehel spejjez konnessi ma` din il-kawza.*

*11. Illi l-Awtorita` tad-Djar ghamlet dak li skond il-policy taghha kellha taghmel fic-cirkostanzi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Awtorita` tad-Djar u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta Carmen Demicoli prezentata fis-<u>27 ta` Mejju 2009</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament u bhala eccezzjoni preliminari t-talba kif postulata ghandha tigi michuda peress li r-rikorrenti ma ghandux interess guridiku li jintitolah jintavola kawzali bhal dawk li hemm fil-kawza fl-ismijiet premessi ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju, l-esponenti teccepixxi li hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika mar-rikorrenti u l-uniku rabta li ghandha hija dawk il-kundizzjonijiet li saru bejn l-esponenti u l-Awtorita` tad-Djar fl-att tal-bejgh ;*

*3. Illi minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrenti ma huma msejsa fuq ebda ligi li dwarha tista` taqta` u tiddeciedi dina l-Onorabbli Qorti u dana peress li lanjanzi ta` ksur ta` buon ordni ghandhom jigu decizi u trattati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali ;*

*4. Illi konsegwentement it-talbiet tal-attur ghandhom jigu kollha michuda ;*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta Carmen Demicoli.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta` Gunju 2009 fejn hatret lill-Assistent Gudizzjarju Dr Mariella Schembri Gonzi sabiex tigbor il-provi.

Rat l-atti konsistenti minn verbali ta` seduti u provi (inkluz dokumenti) li ngabru mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Frar 2012 fejn irrevokat l-inkariku tal-Assistent Gudizzjarju.

Semghet ix-xiehda in kontroezami tal-konvenuta Carmen Demicoli fl-udjenza tal-25 ta` Marzu 2013.

Rat illi l-gbir tal-provi inghalaq fl-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-11 ta` Gunju 2013.

Rat id-digriet moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>L-attur</u>** xehed illi huwa xtara l-appartament fil-blokk mertu ta` din il-kawza kif ukoll garaxx minghand l-Awtorita konvenuta bis-sahha ta` kuntratt tas-26 ta` April 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella (Dok MA1). Skond l-atturi, residenti tal-blokk kienu qeghdin jiksru obbligi li mponiet l-Awtorita` konvenuta fil-kuntratti taghha maghhom. In partikolari, il-konvenuti kienu qeghdin izommu annimali fl-appartamenti taghhom, ghalkemm skond il-kuntratt, dan ma setax isir. Ipprezenta ritratti li ha f`Lulju 2009 (Dok 1 sa Dok 11). Ipprezenta wkoll zewg ittri ufficjali (Dok XY1 u XY2 ; l-istess bhal Dok XY3 u XY4). Wara dawn l-atti, l-Awtorita konvenuta ma hadet l-ebda passi kontra residenti tal-blokk. Sostna li l-konvenut

Roger Friggieri jzomm kelb fil-flat tieghu waqt illi l-konvenuta Carmen Demicoli ghandha zewgt iklieb fil-flat taghha.

**Il-konvenut Roger Friggieri** xehed illi huwa joqghod fil-flat faccata dak tal-attur fl-istess blokk. Fil-flat tieghu huwa jzomm kelba. Mistoqsi jekk meta ghamel il-kuntratt mal-Awtorita konvenuta kienx hemm inkluza klawsola dwar zamma ta` annimali, il-konvenut wiegeb illi jiftakar li kien hemm klawsola, pero` ma kienx cert jekk kenitx tirreferi ghal annimali li jinzammu fil-flat. Mistoqsi jekk fil-blokk, apparti ghandu, kienx ra annimali ohra, ix-xhud l-ewwel wiegeb fin-negattiv, u in segwitu, qal li fil-bidu fil-flat ta` tahtu kellu kelb ukoll. Wara li rcieva ittra ufficjali minghand l-Awtorita` konvenuta, huwa ma baqax izomm il-kelb fil-flat tieghu. Dan gara qabel saret il-kawza.

**Il-konvenuta Carmen Demicoli** xehdet illi hija toqghod fi Flat 5, Block A, Triq il-Frejgatina, Qawra. Fil-blokk taghha, kien hemm sitt appartamenti. L-attur joqghod fl-istess blokk taghha precizament fil-flat taht taghha. Hija kienet xtrat il-flat minghand l-Awtorita` konvenuta. Maghha kienu joqghodu zewgt ulied. Kellha wkoll kelb tar-razza *chiwawa* bl-isem ta` *Tyson.* Mistoqsija jekk kenitx taf jekk skond il-kuntratt tal-akkwist taghha setghetx izzomm annimali inkella le, il-konvenuta wiegbet illi ma setghux jidhlu annimali fil-partijiet komuni tal-blokk u fuq il-bejt ; inoltre fil-flat ma setghux jinzammu tjur u fniek. Xehdet illi hi ma kellha l-ebda kuntratt mal-attur. Qalet li dwar il-kelb taghha ma sar l-ebda rapport lill-Pulizija.

**Carmen Azzopardi** mis-Sezzjoni Legali tal-Awtorita` konvenuta xehdet illi l-okkupanti tal-flats fil-blokk in kwistjoni kienu xtraw l-flats rispettivi taghhom minghand l-Awtorita` konvenuta. Il-kondizzjonijiet inseriti fil-kuntratti tal-akkwist kienu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Mistoqsija jekk kienx hemm xi kondizzjoni li tirrigwarda z-

zamma ta' annimali, ix-xhud ikkonfermat illi kien hemm kondizzjoni pero` hija l-Awtorita konvenuta li tiddeciedi jekk ghandhiex tesegwixxi l-kondizzjoni nkella le. Qalet illi l-attur kien ipprezenta ittra ufficjali kontra l-Awtorita konvenuta. Wara li rceviet dak l-att, l-Awtorita` ghamlet spezzjonijiet ghal gharrieda u ma sabitx annimali.

**Ikkunsidrat :**

## III. Risultanzi

Il-konvenut Roger Friggieri (fl-ewwel eccezzjoni tieghu) u l-konvenuta Carmen Demicoli (fl-ewwel u fit-tieni eccezzjonijiet taghha) eccepew **il-karenza ta` interess guridiku** fl-azzjoni attrici.

Fis-sentenza taghha tat-2 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Edrichton Estates Ltd vs Munro Philips and Company Ltd**" din il-Qorti (**PA/RCP**) qalet hekk –

*Illi l-Qorti kkwotat dak li ntqal fis-sentenza **"J. Muscat et vs R. Buttigieg et"** (A.C. 27 ta' Marzu 1990 – Vol. LXXIV.iii.481) fejn intqal :-*

*"L-interess irid ikun a) guridiku, jigifieri d-domanda jrid ikun fiha ipotesi ta` l-ezistenza ta' dritt u l-vjolazzjoni tieghu ; b) dirett u personali : fis-sens li huwa dirett meta jezisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha, personali fis-sens li jirrigwarda l-attur, hlief fl-azzjoni popolari ; c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, jigifieri l-vjolazzjoni attwali tal-ligi trid tikkonsisti f'kondizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja ghall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur."*

*Illi fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell sostniet :-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa 'l'utilita' finale della domanda giudiziale nel tema dell'asserita esistenza o violazione del diritto'. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista' tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l- accertament tieghu permezz ta' l-awtorita' gudizzjarja".*

*"Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet "**Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et"** li :-*

*"Citazzjoni tista' ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna ... biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – 'l'azione civile non puo' essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l'uno e l'altro di questi requisiti, l'azione e' infondata e inammissibile'.*

*Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu' pro et noe et"** (A.C. 28 ta' Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) u fis-sentenza **"Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) sostnew "li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir".*

*Illi fil-fatt, fil-kawza "**Emilio Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija fil-kwalita` tieghu bhala Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni"** (P.A. (JRM) 18 ta' Jannar 2001 - Cit Numru 1790/00/JRM), il-Qorti qalet hekk :*

*"Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-*

*interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku [ara per ezempju, Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Falzon Sant Manduca vs Weale",** maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959, Kollezz. Vol XLIII.i.11".*

*"Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara, per ezempju, sentenza ta'din il-Qorti (PASP) moghtija fit-13 ta'Marzu 1992, fil-kawza fl-ismijiet "**Francis Tonna vs Vincent Grixti",** Kollezz. Vol LXXV1.iii.592]."*

*Illi fis-sentenza **"M Bond vs C Mangion et"** gie spjegat li :*

*"Fost ir-rekwiziti ta' l-interess guridiku hemm dak li l-istess irid ikun attwali, cjoe` dak li Mortara jiddefinixxi bhala. "La utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell'asserita esistenza e violazione di un diritto". Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultat vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha jew jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta."*

*Dan kien ikkonfermat fis-sentenza **"A Calleja vs O Micallef"** (A.C. 1 ta' April 1992 – Vol LXXVI.ii.247)."*

Sabiex tghid jekk fil-kaz tal-lum l-attur ghandux l-"interess" rikjest mil-ligi (kif debitament imfisser fil-gurisprudenza citata) il-Qorti trid tqis in-natura ta` l-azzjoni promossa mill-attur.

L-attur jaghmilha cara fir-rikors guramentat tieghu illi l-azzjoni li fuqha qieghed isejjes it-talbiet tieghu hija l-***actio debitor debitoris mei***.

Din l-azzjoni hija regolata bl-**Art 1143 tal-Kap 16** li jaqra hekk –

*Kull kreditur jista' biex jitħallas ta' dak li jkollu jieħu, jezercita l-jeddijiet jew l-azzjonijiet kollha tad-debitur tiegħu, barra minn dawk li huma għal kollox personali.*

Fis-sentenza taghha tas-7 ta` Mejju 2013 fil-kawza "**Emidio Azzopardi et vs Avukat Kevin Mompalao pro et noe et**" il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] **(JD)** fissret in-natura ta` azzjoni ta` din ix-xorta billi qalet hekk –

*"Minn dan l-artikolu jemergi li l-kreditur qieghed jaghmel uzu minn dritt li ma jkunx jappartjeni lilu izda jkun jappartjeni lid-debitur tieghu. L-azzjoni esperita minn tali kreditur tkun mehuda in jure debitoris u mhux in jure suo. Bid-dispost ta' dan l-artikolu, il-kreditur qieghed jigi protett mill-konsegwenzi tan-negligenza tad-debitur li jagixxi biex jigbor dak dovut lilu bir-rizultat li jnaqqas il-garanzija tal-kreditur. L-uniku limitazzjoni hija li kreditur ma jistax jezercita jeddijiet jew azzjonijiet ghal kollox personali bhal per ezempju, kaz ta' separazzjoni, divorzju jew talba ghall-filjazzjoni ossija bhalma huma kawzi li ghandhom x'jaqsmu mal-familja tad-debitur u d-drittijiet konnessi mieghu (**Zahra et vs C. Pace et**, Appell Nru: 518/1995 deciza fit-3 ta' Marzu, 2006).*

*Fil-kawza **Stephenson vs Sciberras Camilleri noe** intqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova :*

*Illi ghall-ezercizzju tal-azzjoni surrogatorja min-naha tal-kreditur, m'huwiex mehtieg il-kunsens tad-debitur tieghu, u din tista' tinbeda minkejja l-oppozizzjoni li d-debitur jista' juri. Lanqas jista' jinghad li, bl-agir tal-kreditur, issehh surroga - fit-tifsira li taghti l-ligi ghal dan il-kuncett - fil-jeddijiet li d-debitur jista' jkollu kontra d-debitur tieghu. Ghalhekk, ghalkemm din l-azzjoni kienet meqjusa wkoll bhala actio indirecta vel obliqua, ma hemm xejn x'izomm lill-kreditur li jmexxi 'l quddiem il-pretensjoni tieghu direttament kontra dak it-terz li ghandu jaghti lid-debitur tieghu ;*

*Illi, bhal f'kull azzjoni ohra, il-kreditur irid juri li ghandu nteress li jressaq l-azzjoni, liema nteress, per ezempju, jigi nieqes jekk kemm-il darba m'hemm l-ebda dubju li d- debitur tieghu huwa solventi jew jekk l-istess debitur ikun diga' beda minn rajh proceduri kontra d-debituri tieghu biex jithallas minghandhom (Amos & Walton, Introduction to French Law, pag.242) ;*

*Fid-dawl tal-attwalita' tal-interess, il-kreditur ikun irid juri wkoll li d-dejn li jippretendi li ghandu lejh id-debitur tieghu jrid ikun dovut, u mhux sospiz b'xi kundizzjoni li zzommu milli jista' jibda' procedura diretta kontra d-debitur tieghu ;*

*Illi, madankollu, l-attur kreditur huwa prokurator in rem suam, u fl-azzjoni surrogatorja ghandu interess personali li mhux dejjem jaqbel ma' dak tad-debitur tieghu (**Galea vs Attard et** deciza fit-13 ta' Gunju 1959). Kif inhuwa sewwa mghallem mill-awturi dwar dan is-suggett, l-attur kreditur fl-azzjoni surrogatorja, iressaq azzjoni msejsa fuq jedd " ... non suo ma sibbene del debitore, e quindi agisce non 'jure proprio' ma 'ex juribus debitoris', e sotto tale rispetto e' un avente causa del debitore, e non un terzo attore nel suo interesse personale, perche' non ha in mira il vantaggio del debitore, ma soltanto il suo, che consiste nel conseguire, o subito o piu' tardi, il pagamento del credito proprio." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, Vol II, par. 197). Din hija silta tassew cara li turi sewwa kif ghandha titqies l-azzjoni surrogatorja ;*

*Illi l-mistoqsija li tinqala' hija jekk il-kreditur huwiex mehtieg li jharrek biss lid-debitur tad-debitur tieghu jew jekk ghandux iharrek ukoll lid-debitur ewlieni. Ghalkemm il-ligi taghna hija siekta fuq dan il-fatt, ghall-kuntrarju ta' dak li tipprovdi l-ligi Taljana (Ara art 2900 tal-Kodici Civili Taljan), il-bixra minn dejjem kienet li tqis bhala mehtieg li d-debitur ikun imharrek ukoll, biex is- sentenza li tinghata favur il-kreditur, tkun torbot lid-debitur tieghu ukoll u biex il-gudizzju jkun shih (App Civ 29.4.1945 fil-kawza fl-ismijiet **Paris et vs Grech pro et noe**, u Kumm 15.4.1955 fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri noe vs Spiteri Debono**). Dan ghaliex fil-kaz ta' success fl-azzjoni surrogatorja, il-kreditur ma jikseb l-ebda privilegg fuq il-gid mirbuh, li jidhol fil-patrimonju tad-debitur tieghu u jibqa' suggett ghal xi jeddijiet li kredituri ohrajn ta' dak id-debitur jista' jkollhom fuq hwejgu, sakemm f'kaz eccezzjonali ma ssirx talba diretta mill- kreditur attur ghall-kundanna tad-debituri tad-debitur tieghu ghall-hlas lilu tal-kreditu dovut (Cassazione 10.1.1996) ;*

*F'din l-istess sentenza ntqal li sabiex azzjoni bhal din tirnexxi, il-kreditur irid jipprova :-*

*(a) li hu tassew kreditur tad-debitur ;*

*(b) li l-kreditu tieghu huwa fattwali u mhux kondizzjonat jew potenzjali;*

*(c) li d-debitur ikollu jedd, ta' natura patrimonjali, u miftuh ghalih, kontra d-debitur tieghu ;*

*(d) li d-debitur tieghu naqas, kemm bi traskuragni jew ghaliex ma mpurtahx, li b'ghaqal mehtieg imexxi biex jiehu li haqqu minghand id-debitur tieghu ;*

*(e) li, bin-nuqqas tal-agir f'waqtu tad-debitur tieghu, huwa qieghed igarrab pregudizzju fil-jedd tieghu li xi darba jigbor il-hlas minghand l-istess debitur ;*

*(f) f'kaz li d-debitur tad-debitur iressaq kontestazzjoni, irid jipprova wkoll li l-kreditu tad-debitur tieghu li dan ghandu kontra t-terz debitur.*

*L-azzjoni ndiretta hija azzjoni li ssir in nomine debitoris, u minnha jgawdu l-kredituri kollha tal-ewwel debitur. Jekk tirnexxi l-azzjoni, il-hlas li jaghmel it-tieni debitur lill-kreditur tieghu, jidhol fil-patrimonju ta' dak il-kreditur, issa debitur tal-kreditur azjonandi, u kull kreditur tieghu, privileggjat jew le, jkun jista' jesegwixxi l-kreditu tieghu fuq ir-rikavat. Dan ifisser li l-kreditur li jaghmel din l-azzjoni ma jakkwista ebda privilegg bil-fatt li jkun hu li nieda l-azzjoni, izda, jekk jakkwista rizultat pozittiv, ikun irid wara, jikkompeti mal-kredituri l-ohra fuq l-assi hekk awmentati tad-debitur. (Ara* ***HSBC Bank (Malta) Limited vs Price Club (Swatar) Limited et****, Cit Nru: 413/2002TM deciza fit-12 ta' Ottubru 2006)*

*Kwindi trattandosi ta' azzjoni ndiretta l-interess guridiku li jrid jissussisti huwa dak tal-kreditur fil-konfront tad-debitur tieghu, u wkoll tad-debitur fil-konfront tat-terz."*

Bil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jittenta jgieghel lill-Awtorita` konvenuta sabiex taghti effett ghall-obligazzjoni favur taghha li hemm fir-relazzjoni *ex contractu* li hi ghandha mal-konvenuti l-ohra.

Ghandu jirrizulta bhala nkontestat illi l-attur ma ghandu l-ebda **relazzjoni guridika** mal-konvenuti. Mill-kuntratti li kienu prezentati bhala prova jirrizulta illi l-Awtorita` konvenuta ghandha relazzjoni *ex contractu* ma` kull wahda mill-partijiet separatament.

Fil-kaz tal-lum, ma kienx ippruvat illi l-attur huwa ***“kreditur”*** tal-Awtorita` konvenuta.

Kif ighid **Laurent** fil-“*Principi di Diritto Civile*” (Vol. XVI pag. 358 par. 413) –

*“I creditori non agiscono e non hanno diritto di agire che per tutelare i loro interessi pecunari.”*

Lanqas ma kien ippruvat illi l-Awtorita` konvenuta hija “***debitrici***” tal-attur. Li kieku l-Awtorita` kellha taghti effett ghall-obbligazzjoni li l-attur qieghed jinvoka fil-kawza tal-lum u cioe` li sakemm ir-residenti ma jottemperawx ruhhom mal-obbligi kontrattwali taghhom ghandhom ihallsu penali ta` ghaxar Liri Maltin (Lm 10) fil-gimgha, l-imposizzjoni ta` dik il-penali ma hija tal-ebda beneficcju ghall-attur.

**Laurent** ikompli jghid hekk (Vol. XVI pag. 355 par. 383) –

*“I creditori possono esercitare tutti i diritti e tutte le azioni del loro debitore. I diritti e le azioni che appartengono al debitore fanno parte del suo patrimonio ; ma i beni del debitore sono la garantia dei suoi creditori, e quindi essi hanno altresi per garantia i diritti ed azioni che sono compresi fra questi beni.”*

Bl-azzjoni skond l-Art 1143 tal-Kap 16, kreditur jagixxi sabiex jiggarantixxi d-debitu tieghu stess, u sabiex jahseb ghal sitwazzjoni fejn id-debitur ma jkun qieghed jaghmel xejn sabiex jipprova jhallas lura d-debitu tieghu.

Fis-sentenza fuq citata “**Emidio Azzopardi et vs Avukat Kevin Mompalao pro et noe et**” kienu ndikati s-

sitt punti li jrid jipprova l-kreditur sabiex tirnexxi l-*actio debitoris debitoris mei.* Bl-applikazzjoni ta` dawk is-sitt punti ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, il-Qorti ssib illi -

a) l-attur mhuwiex kreditur ta` l-ebda wiehed mill-konvenuti ;
b) il-kreditu pretiz mill-attur mhuwiex fattwali ;
c) kontrarjament ghal dak allegat mill-attur, l-Awtorita konvenuta hadet in konsiderazzjoni l-ilment tal-attur, u hadet dawk il-passi li dehrilha necessarji ;
d) ma rrizultax nuqqas ta` azzjoni effettiva da parti tal-Awtorita` konvenuta ;
e) l-attur ma garrab l-ebda pregudizzju ghaliex ma ghandu l-ebda hlas x`jigbor minghand xi wiehed mill-konvenuti ;
f) in vista tal-kontestazzjoni tal-konvenuti, kien jispetta lill-attur li jaghmel il-prova tal-kreditu. Din il-prova ma tissussistix.

In vista tal-premess, l-azzjoni attrici hija nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt illi qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet kollha tat-tliet konvenuti, qeghda tichad it-talbiet kollha tal-attur. Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------